

**Brussell, 14 ta' Ottubru 2019
(OR. en)**

12836/19

**COHOM 112
DEVGEN 190
FREMP 141
CFSP/PESC 754
ACP 114
COEST 222
COLAC 67
COASI 137
COAFR 200
MAMA 155
MOG 87**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi: 14 ta' Ottubru 2019
lil: Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12699/19
Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Demokrazija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Demokrazija adottati mill-Kunsill fit-3720 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Ottubru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Demokrazija

1. Illum il-ġurnata qed ngħixu f'dinja fejn id-demokrazija qed tiġi kkontestata u tiddaħħal fid-dubju. Waqt li d-demokrazija għadha b'saħħitha f'bosta pajjiżi, f'oħrajn hemm xejra li qed tiżdied lejn tmexxija awtoritarja. L-isfidi huma varji u jeħtieġ li niġġildulhom b'mod urġenti u komprensiv. Aktar ma sistema ta' gvern tkun demokratika, aktar jirrenjaw l-inklużività u l-ugwaljanza fis-soċjetà. Għaddew 10 snin minn meta l-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar l-Appoġġ għad-Demokrazija fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE. Huwa għalhekk f'waqtu li l-impenn tal-UE jiġġedded.
2. Wieħed mill-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea hu li jsir progress fid-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif imsemmi fl-Artikolu 21 tat-Trattat. Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tiddikjara fl-Artikolu 21 li r-rieda tal-poplu għandha tkun il-bażi tal-awtorità tal-gvern [...] imfissra f'elezzjonijiet perjodiċi u ġenwini.
3. L-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif imsemmija fl-Artikolu 2 tat-Trattat. Dawn il-valuri huma interdipendenti u jsaħħu lil xulxin reċiprokament. Jibqa' importanti ħafna li tiġi żgurata l-koerenza tal-politiki interni u esterni tal-UE. Kif sostnut mill-Istrateġija Globali tal-UE, l-appoġġ għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt esternament huwa wkoll fl-interess strateġiku tal-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE inkluż billi:
 - isaħħaħ is-sistema multilaterali effettiva, trasparenti, responsabbli u bbażata fuq ir-regoli li l-UE u s-sħab tal-istess fehma tagħha jfittxu li jrawmu,
 - jagħmel possibbli u jħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-għan numru 16 dwar istituzzjonijiet responsabbli u teħid ta' deċiżjonijiet inklużiv u parteċipatorju u l-għan numru 10 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi,

- joħloq il-kundizzjonijiet għal paċi u sigurtà sostenibbli u jevita l-konflitti vjolenti permezz tal-parteciġazzjoni u r-responsabbiltà, ir-reattività għall-ilmenti u l-medjazzjoni politika għan-nuqqasijiet ta' qbil,
 - jibni soċjetajiet demokratiċi inklużivi u reżiljenti li kapaċi joħolqu opportunitajiet għall-popolazzjonijiet tagħhom kif ukoll jippermetti l-promozzjoni ta' approċċ għall-migrazzjoni li jkun ibbażat fuq id-drittijiet, jindirizza ċ-ċaqliq sfurzati tal-popolazzjoni u jnaqqas il-fatturi ta' spinta għall-migrazzjoni irregolari.
4. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-prinċipji tal-Konklużjonijiet tiegħu tal-2009 dwar l-Appoġġ għad-Demokrazija u jfakkar fil-Qafas Strateġiku tal-UE tal-2012 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Pjanijiet ta' Azzjoni sussegwenti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, kif ukoll it-tagħlimiet miksuba mill-esperjenza tal-UE matul l-aħħar għaxar snin ta' ħidma ta' appoġġ għad-demokrazija, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt madwar id-dinja. Il-Kunsill jinnota wkoll ir-rilevanza tal-Konklużjonijiet tiegħu tal-2019 dwar l-iżgurar ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti fl-Ewropa u tal-Konklużjonijiet tiegħu tal-2017 dwar l-involvement tal-UE mas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet esterni, u s-segwitu tagħhom. Huwa jilqa' l-isforzi biex jitħejja Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija għall-2020-2024. Dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ser jikkontribwixxu għall-Pjan ta' Azzjoni, kif adatt.
5. Madwar id-dinja, in-nies qed ikomplu juru s-saħħa u l-qawwa tax-xewqa tagħhom għal vuċi aktar b'saħħitha u għall-inklużjoni fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Fil-kontinenti kollha, id-demokrazija turi kemm hi reżiljenti għal darba wara l-oħra. Madanakollu, feġġew sfidi ġodda u li qed jikbru għad-demokrazija.

Dawn l-isfidi jinkludu, fost oħrajn:

- i) **it-tnawwir tal-proċessi demokratiċi u l-istituzzjonijiet** inkluż billi tinżamm l-apparenza tad-demokrazija biex tilleġittimizza reġimi awtokratiċi, l-estensjoni tal-limiti tal-mandat kostituzzjonali, l-indħil fil-ġudikatura, it-tnaqqis tal-pluraliżmu fil-media, ir-restrizzjoni tal-ispazju legali u politiku għall-partiti tal-oppożizzjoni u inqas trasparenza minn xi atturi fil-proċess demokratiku, fil-finanzjament ta' kampanji politiċi u kampanji dwar kwistjonijiet speċifiċi;

- ii) **livelli baxxi ta' fiduċja** fl-istituzzjonijiet u fil-politiċi minħabba inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi, korruzzjoni u nuqqas ta' inklużività li qed ikomplu jiżdiedu;
 - iii) **spazju demokratiku li qed jiċkien għas-soċjetà ċivili**, inkluż għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti tad-demokrazija kif ukoll il-media ħielsa u indipendenti online minħabba vjolenza, persekuzzjoni u intimidazzjoni, leġislazzjoni restrittiva, limiti fuq ir-reġistrazzjoni u l-finanzjament u atti ta' tpattija;
 - iv) **ksur li qed jiżdied tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali**;
 - v) **manipulazzjoni bl-użu ta' teknoloġiji online** inkluż kampanji ta' diżinformazzjoni, restrizzjonijiet u għeluq appoġġati mill-Istat, diskors ta' mibegħda, mikroimmirar illegali ta' messaġġi liċ-ċittadini bi ksur tad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, u l-evitar ta' skrutinju effettiv tal-finanzjament ta' messaġġi politiċi. L-internet kien forza pożittiva għad-demokratizzazzjoni, madankollu l-mudell ekonomiku tal-pjattaformi diġitali kkontribwixxa wkoll għal dawn l-isfidi.
6. Għalhekk, il-Kunsill jaqbel li jkompli jiżviluppa rispons komuni u prattiku għal dawn l-isfidi bbażat fuq kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Waqt li jqisu li l-proċessi tal-bini tad-demokrazija jseħħu f'kundestji differenti minn xulxin, l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE ser jipromwovu x-xejriet pożittivi u jikkumbattu lil dawk negattivi b'enfasi fuq dan li ġej:
- a) Jintużaw l-isforzi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u b'mod partikolari l-SDG 10 u 16 biex b'mod olistiku jipromwovu u jsostnu l-governanza demokratika, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, ir-responsabbiltà u t-teħid ta' deċiżjonijiet inklużiv u parteċipatorju u tiġi żgurata l-koerenza mal-isforzi tal-UE biex tindirizza l-inugwaljanza. Il-ġlieda kontra l-inugwaljanza hija kruċjali biex terġa' tinbena l-fiduċja fid-demokrazija u fl-istituzzjonijiet tagħha.
 - b) Titħeġġeġ il-parteeipazzjoni sħiħa ta' kulħadd mingħajr diskriminazzjoni u, f'dan il-kundest, isiru sforzi partikolari u speċjali ta' appoġġ għal parteċipazzjoni u rappreżentanza akbar tan-nisa u ż-żgħażaġh u l-interessi tagħhom fil-ħajja pubblika u politika.

- c) Jissaħħu u jingħata appoġġ lill-kapaċitajiet tal-parlamenti u (b'mod mhux partiġġjan) lill-partiti politiċi, fuq livelli nazzjonali u subnazzjonali, biex jaqdu r-rwol essenzjali tagħhom f'soċjetajiet demokratiċi.
- d) Jissaħħu u jingħataw appoġġ is-soċjetà ċivili lokali u internazzjonali u ambjent favorevoli għalihom, bħala pilastru essenzjali ta' demokrazija pluralista u inklużiva. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari għad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem.
- e) Jissaħħu l-isforzi għall-appoġġ u l-protezzjoni tal-media ħielsa u indipendenti, offline u online, inkluż permezz tal-promozzjoni tas-sikurezza tal-ġurnalisti u l-appoġġ ta' ambjent favorevoli.
- f) Jiġu appoġġati l-isforzi biex jissaħħu l-istat tad-dritt, l-integrità demokratika u r-responsabbiltà permezz tat-tisħiħ tas-separazzjoni tas-setgħat, l-aċċess għall-ġustizzja u d-dritt ta' proċess ġust għal kulħadd, il-ġlieda kontra l-impunità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
- g) Jingħataw appoġġ u promozzjoni għall-edukazzjoni ċivika u l-litteriżmu medjatiku online, bħala kontribut neċessarju għal tul ta' żmien medju u dejjiemi għar-reżiljenza tad-demokrazija tal-lum, u promozzjoni għall-użu ta' teknoloġiji online fit-tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika, ir-responsabbiltà u l-aċċess għall-informazzjoni.
- h) Jingħata appoġġ lill-pajjiżi fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw li r-regoli li jirrigwardaw l-elezzjonijiet u d-demokrazija offline jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv online, ibbażat fuq l-isforzi tal-UE stess f'dan ir-rigward, inkluż il-Pakkett Elettorali tal-Kummissjoni u n-netwerk Ewropew ta' kooperazzjoni dwar l-elezzjonijiet, il-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni, il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar standards għall-votazzjoni elettronika u l-prattiki żviluppata fi ħdan il-mekkaniżmu ta' rispons rapidu tal-G7.

- i) Jitħegħegħ it-titjib tal-inklużività u l-kredibbiltà tal-proċessi elettorali permezz ta' osservazzjoni elettorali tal-UE, appoġġ għal osservaturi elettorali domestiċi u permezz tat-tiżni tal-isforzi kollettivi meħtieġa biex jappoġġaw u jinkoraġġixxu s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet elettorali tal-UE u tal-OSKE u l-indirizzar ta' sfidi ġodda għall-osservazzjoni elettorali, b'ħidma wkoll mal-komunità internazzjonali tal-osservazzjoni elettorali.
 - j) Tissaħħaħ il-koordinazzjoni diġà mill-qrib ma' organizzazzjonijiet multilaterali, internazzjonali u reġjonali, bl-iżvilupp ta' sħubiji globali b'saħħithom għall-appoġġ tad-demokrazija u l-implimentazzjoni tal-miri tal-SDG 16.
 - k) Titħegħegħ trasparenza akbar fil-proċessi demokratiċi, b'mod partikolari fil-finanzjament minn atturi differenti ta' kampanji politiċi u kampanji dwar kwistjonijiet speċifiċi.
 - l) Ikun possibbli li tittieħed azzjoni malajr b'reazzjoni għal deterjorament qawwi jew titjib fis-sitwazzjoni demokratika tal-pajjiżi, kemm politikament kif ukoll permezz ta' allokkazzjonijiet xierqa ta' fondi.
 - m) Jitħegħegħ approċċ aktar flessibbli, innovattiv, immirat fit-tul u sensittiv għall-konflitti fl-appoġġ għad-demokrazija u, f'dan il-kuntest, jingħataw inkoraġġiment u appoġġ lill-ħidma tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija u ta' organizzazzjonijiet oħra li qed jaħdmu b'dan il-mod.
 - n) Jissaħħu l-promozzjoni u l-komunikazzjoni pubblika dwar il-valur tad-demokrazija bħala ġid pubbliku globali u universali.
7. Il-Kunsill jistenna b'interess aktar dibattiti dwar l-istat tad-demokrazija madwar id-dinja u attivitajiet tal-UE f'dan il-qasam fuq bażi regolari.